**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2022 – Grupa "LEW" vs EUIPO – Lechwerke (GRUPALEW.)**

**(Kawża T-672/21)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattivi GRUPALEW. – Trade mark nazzjonali figurattivi preċedenti LEW- Raġunijiet relattivi għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Prova tal-użu ġenwin – Artikolu 10(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625 – Artikolu 71(1) tar-Regolament Delegat 2018/625 – Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2023/C 24/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Grupa "LEW" S.A. (Częstochowa, il-Polonja) (rappreżentant: A. Korbela, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u E. Markakis, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Lechwerke AG (Augsburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Gerling, avukata)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-17 ta' Awwissu 2021 (Każ R 2763/2019-4).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Grupa "LEW" S.A. għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

3) Lechwerke AG għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

([1]) ĠU C 502, 13.12.2021.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Novembru 2022 – Ortega Montero vs Il-Parlament**

**(Kawża T-161/22)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Rappreżentanza tal-persunal – Modifika tar-regolament intern tal-Kumitat tal-Persunal tal-Parlament – Ħatra tar-rappreżentanti tal-persunal fl-organi statutorji u amministrattivi – Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal – Nuqqas ta' adozzjoni ta' miżura imposta mir-Regolamenti tal-Persunal – Ilment li għandu jitressaq minn qabel quddiem l-Awtorità tal-Ħatra – Terminu ta' rikors – Tardività – Inammissibbiltà")***

(2023/C 24/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Maria Del Carmen Ortega Montero (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Zejdová u M. Windisch, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament, l-ewwel, tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha din ċaħdet l-ilment tagħha tad-19 ta' Jannar 2021, it-tieni, tad-deċiżjoni tal-21 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha s-Segretarju Ġenerali tal-Parlament ċaħad it-tieni lment tagħha tat-18 ta' Awwissu 2021, it-tielet, tal-modifika tal-Artikolu 22 tar-regolament intern tal-Kumitat tal-Persunal tal-Parlament adottata fl-10 ta' Novembru 2020 u, ir-raba', tal-vot tal-Kumitat tal-Persunal tal-10 ta' Novembru 2020 dwar is-sostituzzjoni ta' rappreżentant tal-imsemmi kumitat maħtur fuq il-bord tal-eżami ta' kompetizzjoni kif ukoll tal-atti u tad-deċiżjonijiet kollha adottati b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 kif emendat tar-regolament intern tal-imsemmi kumitat, inkluż tar-riżultati tal-vot, tal-10 ta' Novembru 2020 ukoll, relattiv għall-ħatra tar-rappreżentanti tiegħu f'kumitati u f'delegazzjonijiet differenti.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Maria Del Carmen Ortega Montero għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tal-Parlament Ewropew.

---

(1) ĠU C 198, 16.5.2022.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2022 – Growth Finance Plus vs EUIPO (doglover)**

**(Kawża T-231/22)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea doglover – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2023/C 24/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Growth Finance Plus AG (Gommiswald, l-Isvizzera) (rappreżentant: H. Twelmeier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Ringelhann u T. Klee, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Frar 2022 (Każ R 720/2020-5).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Growth Finance Plus AG hija kkundannata għall-ispejjeż

---

(1) ĠU C 237. 20.6.2022.